3 ta' Ġunju, 1946.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.

**William Doublet *versus* Evangelista Psaila et.**

**Bejgħ ta' Mobili — Tradizzjoni — Elevazzjoni — Art. 1481 tal-Kodiċi Ċivili.**

*It-tradizzjoni tal-mobili mibjugħa ma tippreġudikax it-terzi meta l-mobili jibqgħu fil-poter u fil-pussess tal-bejjiegħ.*

*Għalhekk dawk il-mobili hekk mibjugħa jibqgħu suġġetti għall-azzjoni tal-kredituri tal-bejjiegħ, li jistgħu jelevaw dawk il-mobili.*

Il-Qorti. — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re, li biha l-attur, wara li qal li b'mandat ta' l-elevazzjoni tat-22 ta' Lulju 1945, spedit minn dik il-Qorti fuq talba tal-konvenuta Psaila kontra l-konvenut Chetcuti, ġew elevati mid-dar ta' l-abitazzjoni tal-konvenut Chetcuti f'tas-Sliema, Stuart Street, nru. 54, fost affarijiet

oħra. l-oġġetti segwenti :— (1) Arloġġ kbir......; u li l-oġġetti fuq indikati ġew akkwistati b'titolu ta' xiri minn għandu, kwantu għal gwardarrobba żgħira...... permezz ta' skrittura privata tal-15 ta' Mejju 1943 (*dok. A*), u *kwantu għall-oġġetti* rimanenti in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Paul Pellegrini Petit tat-30 ta' Marzu 1944 (dok. B); u talab li, wara li jkunu premessi d-dikjarazzjonijiet opportuni u mogħtija l-provvediment meħtieġa, tiġi revokata l-eżekuzzjoni ta' l-imsemmi mandat ta' l-elevazzjoni tat-22 ta' Lulju 1944, kif ukoll ta' l-atti kollha suċċessivi u dipendenti, spediti minn dik il-Qorti fuq talba tal-konvenuta Psaila kontra l-konvenut Chetcuti, relativament għall-oġġetti fuq enumerati, li huma ta' proprjetà tiegħu; bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re fil-31 ta' Ottubru 1945, li biha ġiet miċħuda t-talba bl-ispejjeż kontra l-attur; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Li mill-provi rriżulta li l-attur kiseb il-mobbli minn għand Carmela Chetcuti nomine li żammet l-użufrutt tagħhom tul ħajjitha; għaldaqstant it-tradizzjoni kienet merament konsenswali, u b'hala tali ma setgħetx tippreġudika l-interessi tat-terzi eżekutanti, u għalhekk tal-konvenuta Psaila. Il-fatt li l-attur igħix fl-istess dar ma' dik Psaila, li tħallas il-kera taddar, ma jbiddelx it-tradizzjoni minn konsenswali għal effettiva, in vista tar-riżerva ta' l-użufrutt;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi tiġi revokata in kwantu ċaħdet it-talba attriċi relativament għall-oġġetti li l-attur xtara minn għand il-konvenut Chetcuti in forza ta' l-iskrittura privata tal-15 ta' Mejju 1943, u billi tiġi konfermata in kwantu ċaħdet it-talba attriċi relativament għall-oġġetti l-oħra li huwa xtara minn għand il-konvenut Chetcuti in forza tal-kuntratt tal-bejgħ fl-atti tan-Nutar Paul Pellegrini Petit *tat-30 ta' Marzu 1944*, u *b'hekk* jiġi deċiż billi t-talba attriċi tiġi milqugħa in kwantu hija diretta għar-revoka ta' l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' l-elevazzjo-

ni tat-22 ta' Lulju 1945, limitatament għall-oġġetti akkwistati mill-attur bis-saħħa ta' l-imsemmi ja skrittura privata tal-15 ta' Mejju 1943; bl-ispejjeż relativi kontra l-appellati; u tiġi rcspinta in kwantu hija diretta għar-revoka ta' l-eżekuzzjoni ta' l-imsemmi mandat relativament għall-oġġetti l-oħra maqbudin bil-mandat; bl-ispejjeż relativi kontra l-istess attur;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi dan l-appell huwa limitat għall-mobbli li ġew lill-appellant mibjugħ n bis-saħħa ta' l-iskrittura privata tal-15 ta' Mejju 1943. Dawk il-mobbli jikkonsistu f'sodda tar-ram u ħadid, lavaman, gradenza, twaletta gwardaroba, gradenzina żgħira, tliet siġġijiet ta' Vjenna, u żewġ strapuntini. Minn dawn l-oġġetti, skond kif jidher mill-att taċ-ċitazzjoni, ġew maqbudin biss il-gwardaroba, il-gradenza u l-lavaman, bil-mandat fl-istess ċitazzjoni msemmija;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi li ġew imressq n fl-ewwel u f'din l-istanza, irriżulta li l-appellant igħix ma' l-appellat Chetcuti u ma' martu, li hija z-zija tiegħu. Meta xtara dawk il-mobbli huwa k'en ilu joqgħod magħhom, u kien ilu juża l-kamra tas-sodda li tagħha dawk il-mobbli kienu jiffurmaw parti minn mindu k'en tifel (fol. 33). L-istess mobbli baqgħu dejjem fid-dar ta' Chetcuti; u dan biss kien iħallas il-kera tagħha;

Ikkunsidrat;

Illi skond il-liġi (art. 1431 tal-Kodiċi Ċivili) it-tradizzjoni tal-mobbli mibjugħa ma tippreġudikax lit-terzi meta huma jibqgħu fil-poter u fil-pussess tal-bejjiegħ. U f'dan il-każ kien l-appellat Chetcuti li żamm il-pussess wara l-bejgħ, billi baqgħu fil-post mikri lilu biss, u għalhekk fil-poter tiegħu (ara sentenza Prim'Awla, 2 ta' April 1898, in re "Massa vs. Micallef", Kollez. Vol. XVI — II — 238);

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma fil-kap devolut lil dina l-Qorti s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re fil-31 ta' Ottubru 1945; bl-ispejjeż kontra l-appellant.

---